**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura
Minuti
~~AGENDA~~ Numru 39

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 39 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis **9 ta'Diċembru 2021**, fil-**5:30pm**. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Elke Sghendo
Aġent Deputat Segretarju Ezekuttiv

3 ta' Diċembru, 2021

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier

Online
- Graziella Galea — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużat
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier

Assenti
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Il-laqgħa bdiet fil-ħin 5:30pm

ES A.G.

Il-Kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li l-aġenda ntbagħtet ġurnata tard.

**39.1 <u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**
Il-kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Stephen Cremona u 18:15 mingħand Anne-Marie Fench.

Il-Kunsill feraħ u rringrazzja lis-Sinj.Elke Sghendo għall-ħatra tagħha ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li għalkemm impenjata aċċettat il-kariga.

**39.2 <u>Kunsiderazzjoni ta' minuti</u> – Laqgħa Numru (37)**
Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet l-emendi segwenti;
Paġna 3 qabel item 37.4 - *jiżdied; li l-Kunsillier Anthony Attard daħal lura għall-laqgħa.*

Paġna 4 item 37.4 - *Jiżdied; Il-kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li l-live steaming ma kien'x qed jaħdem.*

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ġibed l-attenzjoni li live streaming kien hemm fuq Facebook u li l-ex Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-problema trid tiġi solvuta minn naħa tal-MITA.

Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet l-emendi segwenti;
Paġna 5 item 37.5 - *jiżdied; Il-kunsillier Graziella Galea infurmat li l-liġi tgħid li kemm il-darba tiġi mgħarrfa l-persuna li tkun indirizzata għaliha qabel tibda l-laqgħa, hekk kif sar.*

Paġna 6 item 37.6.1 - *jiżdied, Il-kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li d-data ta' meta kellha tintbagħat it-tweġiba nqabżet u li l-procurement guidelines <u>ma ġiex</u> segwieti fil-każ ta' xiri ta' oġġetti jew sevizzi sa 5,000 euro.*

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li l-minuti tal-laqgħa 37 intbagħtu 5 ġimgħat ilu.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 37 kif ikkoreġuti.

**39.3 <u>Punti mill-Minuti</u>**

**39.3.1 Tender Projects Manager SPB T/01/2021**
Il-kumpanija Renergy Ltd aċċettat li toffri s-servizz. Fakkar li din kienet ġiet it-tieni post.

ES A.G

### 39.3.2 Tender SPB T/3/2021 Elevated Balcony Walkway

Minħabba li l-Bord ta' l-Offerti ma ġiex imlaqqa' dan it-tender baqa pendenti. Il-Kunsill qabel li c-Chairperson Daryl Connor ilaqqa' lill-Bord biex flimkien mal-perit isir rapport ta' rakomandazzjoni lill-kunsill.

## 39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 39.4.1 Riżenja Deputat Segretarju Eżekuttiv

Fil-15 ta' Novembru 2021, il-kunsill irċieva r-riżenja tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinj. Grech minħabba raġunijiet personali.

### 39.4.2 Ħatra ta' Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv

Fis-16 ta' Novembru 2021, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali permezz tad-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard, ħatar lis-Sinj.Elke Sghendo Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv skont Subartikolu 49 (4) tal-Att dwar Gvern Lokali.

### 39.4.3 The White House, St Paul's Bay

Il-propjetarji tal-binja White House kitbu lill-kunsill, biex it-triq ta' quddiem il-bini tagħhom, allegalment hi art privata, jinbidlila l-isem minn Triq San Ġorġ għal Triq The White House.

Il-kunsillier Bugeja semma li l-fatt li triq hi triq privata il-kunsill mgħandux għalfejn jibdell-isem.
Il-kunsill ma qabilx mal-proposta.

### 39.4.4 Fireworks NYE 21/22 - Regjun Tramuntana

Il-kunsill qabel li jipparteċipa fl-iskema sponsorjata mir-Reġjun Tramuntana li toffri sa massimu ta' 1,000 euro għal nar ta' l-ajru jew 600 euro għal nar minn fuq il-bjut.

Il-Kunsill qabel li t-3 postijiet magħżula jkunu max-xtajta u l-Kunsillier Darly Connor ir-raprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun jikkordina din l-attivita. Il-Kun. Connor semma siti magħzulin Ta' Fra Ben, il-Pjazza u fejn il-moll ta' Buġibba.
Intqall sabiex ikun hemm il-permessi tal-puluzija u s-sindku ikkonferma li għandhom jigu osservata ir-regolamenti kollha u talab li Kun. responsabli sabiex jisgura ruhu li r-regolamenti jiġu osservati.

### 39.4.5 Recognition of alley in St Pauls Street

Sid il-propjeta numru 243 Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar ressaq rikjesta biex il-kunsill jirrikonoxxi l-akkwata tal-propjeta tiegħu bħala Sqaq numru 1, fi Triq San Pawl minħabba diffikulta fl-indirizz .

Il-kunsill qabel li jiġi rrakomandat li l-akkwata nkwistjoni tissemma –"Sqaq fi Triq San Pawl"

Il-Kunsillier Antionette Bezzina daħlet online 17:53

**39.4.6 Taghlim tal-Muzika 2022**
Is-Soċjeta Mużikali San Pawl resqet rikjesta biex il-kunsill jagħmel tajjeb finanzjarjament għall-lezzjonijiet tal-mużika sena 2022. Fejn intqal li se joffru 6 lezzjonijiet fix-xhar li jiswew €50 il-waħda .

Il-kunsill approva r-rikjesta u li s-sapport finanzjarju għas-sena 2021 jibqa għaddej.

**39.4.7 Installation of Charging Pillars in your locality - MESD-OPS**

Id-Dipartiment MESD-OPS issuġġerixxa li jiġi nstallat charging pillar fi Triq l-Iskola. Bagħtu ukoll dokument relatat li għadda għand il-kunsilliera. Issemma li jitwaħlu 400 madwar Malta u SPB se jkollu bejn 15 -20.

Il-kunsill approva li tiġi nstallata charging pillar fi Triq l-Iskola, San Pawl kif ukoll li jinħatru 3 persuni mill-kunsill biex iressqu suġġerimenti għall-lokazzjonijiet oħra bis-Sidku jkun ex-officio. Is-Sindku ipproponi li jkun hemm raprezenza miz-zewġt partiti u l-indipendenti.

**39.4.8 Non-urban grass cutting – Sentenza tal-Qorti**
L-avukat tal-kunsill Dr David Bonello informa li l-qorti ta' l-appell iddeċidiet the jiġi re-evalwat it-tender mill-ġdid fejn għandu jiġi eskluż dak li rebaħ l-offerta.
Il-kunsill qabel li jerga jigi evalwat.

**39.4.9 SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021**
L-applikazzjoni tal-kunsill għal din l-iskema ntlaqgħet fejn il-kunsill se jibbenifika mis-somma circa ta' 3,526.89 euro.

**39.4.10 Devoluzzjoni ta' sit fi Triq San Ġorġ - Ufficċju Amministrattiv tal-kunsill**
Is-Sindku Alfred Grima qal li kien hemm żblokk pożittiv dwar id-devoluzzjoni ta' sit fi Triq San Ġorġ għall-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill. Dan meta fis-7 ta' Diċembru 2021, l-Awtorita ta' l-Artijiet infurmat li l-art inkwistjoni li kien hemm dubju fuqha ġiet registrata f'isem il-Gvern u l-każ se taħdem fuqu Ms.Catherine Fenech.

Il-kunsill qabel li s-sejħa pubblika għax-xiri ta' propjeta tinżamm temporanjament.

**39.4.11 MTA għajnuna finanzjarja tiżjin tal-Milied**

Il-Ministeru tat-Turiżmu alloka s-somma ta' 7,000 euro għat-tiżjin tal-Milied għal-lokalita ta' San Pawl il-Baħar sena 2021.

**39.4.12 Attivita Fun Run**

Is-Sindku Alfred Grima qal li f'isem il-Community Chest Fund jirringrazzja lis-Socjeta Mużikali San Pawl u lill-għalliema tal-YOGA għal parteċipazzjoni tagħhom fil-fun run. Irringrazzja lill-ħaddiema li ħadmu favur din il-kawża fejn daħlu xogħol il-ħdud ukoll.

**39.4.13 Rikjesta għal Internship minn student Germaniż.**

Il-kunsill irċieva rikjesta mingħand student universitajru Ġermaniż biex possibilment jagħmel intership tiegħu mal-kunsill ta' San Pawl il-Baħar.
Il-kunsill approva nem com

Fis-18.10, waqfet il-konnessjoni għall-kunsilliera li kienu qiegħdin jipparteċipaw fil-laqgħa online. Il-konnessjoni reġgħet saret wara ftit minuti.

**39.4.14 BNF Bank –**

Is-Sindku Alfred Grima informa, li l-laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-BNF Bank xhur ilu waslet biex il-lokalita tibbenifika minn 5,000 euro biex giet irrestawrata l-grada prinċipali ta' l-Mitħna antika ta' taħt l-art fix-Xemxija kif ukoll biex tissaħħaħ il-provista tad-dawl tal-post. Dan apparti li l-ħaddiema tal-bank offrew nofs ta' nhar ħidma biex il-mitħna ngħatat tindifa.

**39.4.15 Kors ECDL**

TCTC infurmaw li ftit li xejn applikaw għal kors organiżżat mill-kunsill. Ipproponew li huma jħallsu biex jintbagħat flyer fid-djar bil-kunsill iħallas ta' l-inpustar cirka ta' 500 euro spiża.
Il-kunsill approva nem com

**39.4.16 Każ Ta' Fra Ben sena 2009 – Garanzija tal- Qorti**

Il-Kunsillier Paul Bugeja ddikjara konflitt ta' interess u qam minn mal-mejda tad-diskussjoni.

Il-kunsill ġie nfurmat li waslet notifika mill-Qorti rigward il-każ li seħħ f'ta' Ta' Fra Ben fis-sena 2009, fejn irid isir ħlas immedjat ta' 9,526.49 euro oħra bħala garanzija. Issemma, li l-kunsill ilu snin iħallas somma sostanzjali kuljum f'interessi kif ukoll retention fee ta' eluf ta' euro fis-sena.

CS A.G.

Is-Sindku Alfred Grima qal, li fid-dawl li l-kunsill qed joħroġ eluf ta' euros fis-sena, f'kawża diġa mitlufa, qed jipproponi; li bl-approvazzjoni tal-kunsill u bi gwida ta' l-avukat, jinfetħu diskussjonijiet mal-partijiet kollha nvoluti bil-għan li jinstab kompromess. Qal ukoll, li aktar mill-flus, il-kunsill għandu dover li dan il-każ jingħalaq b'rispett sħiħ lejn dawk il-persuni li sofrew danni mill-aċċident.

Is-Sindku informa, li f'telefonata li saret aktar kmieni qabel il-laqgħa tal-kunsill, l-avukat Dr John Bonello nforma lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv u lilu, li l-insurance tal-kunsill ma kienetx lesta li tagħmel tajjeb għal din il-kawza mitlufa. Saret premura biex waqt id-diskussjonijiet titqajjem il-mistoqsija, għaliex l-insurance ma tridx li tagħmel tajjeb għad-danni sofruti mill-kunsill f'dan il-każ meta huwa magħruf li hu nxurjat?

Il-kunsill approva l-proposta mressqa mis-Sindku.

Il-kunsillier Paul Bugeja rritorna mal-mejda fis-18:15.

**39.4.17 Cir AKL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022**

L-AKL fakkret lill-kunsill biex iġedded il-polza ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa sena 2022.

Il-kunsill approva nem.com.

## 39.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet diversi mistoqsijiet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu mwieġba f'laqgħa 37 Mistoqsijiet lis-Segretarju Eżekuttiv:

39.5.1 Fir-rigward tar-riżenja taż-żewg skrivani hekk kif imsemmi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill ser ikun qiegħed joħrog sejħa mill-ġdid jew ser ikun qed juża l-proċess tal-interviews li sar waqt l-ingaġġ ta' dawn iż-żewg skrivani?
**Risposta**: Is-Sindku qal li ġie nformat li l-lista li kellu l-kunsill ġiet eżawrita u minħabba hekk inbeda l-proċess mill-ġdid bl-approvazzjoni tad-Dipartiment Kunsilli Lokali.

39.5.2 Rigward it-talba tat-telework u reduced hours msemmija fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, x'kienet id-decizjoni f'kul każ?
**Risposta**: Is-Sindku qal li ma ġiex aġġornat dwar id-deċiżżjoni meħuda mill-ex Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant, se jistaqsi lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv biex tivverifika.

39.5.3 Fir-rigward tar-riżenja ta' skrivana fi gradd EO il-Kunsill ser joħrog sejħa mill-ġdid?
**Risposta**: Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu jkun aktar ġust li jingħata ċans lill-ħaddiema fi gradd 15 li javvanzaw fil-karriera tagħhom. Għal dan il-għan se jressaq mozzjoni fil-laqgħa li jmiss tal-kunsill.

Mistoqsijiet lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv : ES A.G.

39.5.4 Partijiet mill-art fil-progett ta' Gnien Millenju inqalghat, minn kif jidher, biex ikun jista' jitwahhlu xi strutturi. Din kienet ir-raguni? Jekk iva, ghala l-partijiet li issa qed jinqalgħu ma tħallewx barra mill-ewwel?
**Risposta**: Is-Sindku qal, li hu nfurmat li l-aġent li forna l-apparat sportiv esiġa li minħabba s-saħħa u s-sigurta tal-persuni li jużaw l-apparat kien meħtieġ li dan ix-xogħol isir għas-spejjeż tiegħu.

39.5.5 Rigward ir-restawr tal-kajjik fi Triq il-Pwales, jistghu jigu mghoddija lili l-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill Lokali u l-pulizija u TM? X'azzjoni ser tkun qieghda tittieħed?
**Risposta**: Nforma li fis-7 ta' Diċembru 2021 hu personalment ikkuntatja lic-CMD biex jgħinu fit-tneħħija tal-kajjik u nfurmawħ li l-assistenza tal-pulizija hi meħtieġa.

Il-Kunsilliera Graziella Galea bagħtet diversi mistoqsijiet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu mwieġba fil-laqgħa skedata għal Novembru li iżda mbagħad il-laqgha ma saritx.

39.5.6 Hekk kif kien mistoqsi f'laqgħa tal-Kunsill Lokali preċedenti, issa l-Kunsill Lokali għandu informazzjoni dwar kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet li ngħataw relatati mal-Bye-Law dwar il-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi? Jekk iva, tista' din l-informazzjoni tiġi mogħtija, inkluż il-perijodu li dwaru tkun qiegħda tingħata l-informazzjoni? Jekk le, x'kienet it-tweġiba li rċieva l-Kunsill Lokali?
**Risposta**: Is-Sindku qal li kull ma huwa nfurmat li nagħtaw circa ta' 50 ċitazzjonijiet relatati mal-Bye-Law dwar il-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi u li kien hemm ukoll risposta parlamentari relatata.

39.5.7 Hekk kif kien mistoqsi f'laqgħa tal-Kunsill Lokali preċedenti, issa l-Kunsill Lokali għandu informazzjoni dwar kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet li ngħataw relatati mal-iskart, per eżempju ħrug ta' skart f'ħinijiet jew ġranet ħziena, dumping ecc? Jekk iva, tista' din l-informazzjoni tiġi mogħtija, inkluż il-perijodu li dwaru tkun qiegħda tingħata l-informazzjoni?? Jekk le, x'kienet it-tweġiba li rċieva l-Kunsill Lokali?

**Risposta**: Is-Sindku qal li ma huwiex infurmat li l-kunsill intalab jew għamel rikjesta għall-informazzjoni mitluba. Stieden lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jivverifika.

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet din il-mistoqsija lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv :

39.5.8 Minħabba l-istat diżastruż li tinsab fih triq il-Kaħli, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar ħa jkun qiegħed jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa minħabba l-perikolu li nħoloq? Jekk iva meta se jkun qed isir dan jekk le x'se ikun qed isir biex dan il-perikolu jitneħħa?
**Risposta**: Is-Sindku qal li hu stess ta' struzzjonijiet lill-kunsill biex tinkieteb email lill-Water Services Coorporation fejn tinfurmahom li se jinżammu risponsabbli għal kull inċident. Qal ukoll li

A.G. 65

hu bagħt messaġġ lill-persuna mleħħqa fl-istess entita fejn infurmaħ li jekk mhux se jiġi eliminat kull perikolu maħluq mix-xogħolijiet tal-WSC, il-kunsill se jwaqqaf il-permessi kollha ta' l-istess entita.

Il-kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsillier Graziella Galea tiddikjara konflitt ta' interess minħabba li hi mpjegata ta' Infrastruttura Malta. Is-Sindku saqsa jekk riditx tiddikjara dan. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li waqt id-diskussjoni ma ssemmietx Infrastruttura Malta. Is-Sindku kkonferma li Infrastruttura Malta ma ssemmietx.

39.5.9 Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li kien hemm mistoqsijiet li saru mill-Viċi Sindku Carlos Zarb indirizzati lis-Segretarju Eżekuttiv preċidenti, Ms Mariella Strout dwar il-paga tagħha li qatt ma ġew imwieġba. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb qal li t-tweġibiet li kienet tagħt ma jirrispondu l-ebda domanda tiegħu. Staqsa;

Jekk kienx hemm xi żieda li ttieħdet mal-paga tas-Segretarju Eżekuttiv preċidenti?
**Risposta**:Is-Sindku qal li r-risposta se tingħata fil-laqgħa li jmiss.

Il-Laqgħa giet sospiza għal ftit minuti sakemm il-Contracts Manager ta rendikont tax-xogħol li qed jagħmel. Waqt dan il-ħin, waqfet il-konnessjoni għall-kunsilliera li kienu qiegħdin jipparteċipaw fil-laqgħa online. Il-konnessjoni reġgħet saret wara ftit minuti.

**39.6 <u>Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti</u>**

39.6.1 **Baġit annwali sena 2022**

Fil-laqgħa annwali, l-accountant tal-kunsill Sinj.Romina Perici Ferrante spjegat l-estimi finanzjarji għas-sena 2022, fejn infurmat li l-kunsill jeħtieġ li jwarrab 10% ta' l-allokazzjoni finanzjarja. Qalet, li huwa stmat li t-total ta' finanzi fil-bank sa l-aħħar tas-sena 2021 jammonta għal ċirka ta' 2,150,000 miljun euro filwaqt li fis-sena 2022 huwa stmat li jkun hemm €803,549.

Il-Kunsill approva nem.com l-estimi finanzjarji għas-sena 2022.

39.6.2 **Ingaġġ ta' Ġardinar – Skala 16**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-persuna magħżula fl-ewwel interview informa li beda xogħol ieħor. Wara li tkompla l-proċess daħlu żewġ applikazzjonijiet, b'persuna minhom biss ikollha l-esperjenza neċessarja. Fir-rapport tiegħu l-Bord irrakomanda l-ingaġġ ta' din il-persuna fuq il-bażi li hi kwalifikata u għanda snin sħaħ ta' esperjenza fl-istess qasam.

Is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport bil-Kunsillier Paul Bugeja jissekonda. Il-Kunsill approva nem.com

A.G.

## 39.7 Terminazzjoni ta' Impjieg Operative Hand – Skala 18

Ħaddiem fi skala 18 naqas milli jitfaċċa għax-xogħol mid-9 ta' Settembru 2021 sa llum, bil-leave tiegħu kollu meħud. Dan wassal biex il-kunsill jiffaċċja fost l-oħrajn, problemi biex joffri servizz relatat ma tindif ġenerali madwar il-lokalita. Data ta' l-ingaġġ tiegħu kienet 15 Diċembru 2020.

Fuq parir legali mogħti mill-Avukat tal-kunsill Dr David Bonello, il-kunsill qabel li minħabba nuqqas ta' attendenza għax-xogħol ta' diversi xhur, dan l-impjieg għandu jiġi terminat.

Ġie approvat ukoll li jinbeda proċess ġdid biex jigu mpjegati 2 persuni fl-istess skala 18 bħala Operative Hand wara li 3 ħaddiema sekondati mal-kunsill irtiraw.

Il-Kunsillier Anthony Attard rtira mil-laqgħa 19:15

## 39.8 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Persuna waħda applikat għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, fejn waqt l-interview hi esprimit li ma kinietx konxja ta' x'tirrikjedi kariga simili u għalhekk uriet disinteress fil-kariga. Għaldaqstant il-kunsill reġa kieteb lid-dipartiment biex jagħti direzzjoni jekk tinħariġ sejħa pubblika gdida.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni biex lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinj. Elke Sghendo, fiċ-ċirkostanzi preżenti, il-Kunsill jagħtiha l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar kemm il-darba jingħata l-kunsens tad-Dipartiment Kunsilli Lokali.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li l-kunsill għandu jistenna r-risposta tad-dipartiment.

Is-Sindku Alfred Grima ssekonda l-mozzjoni mressqa Kunsillier Paul Bugeja.

Favur: Sindku Alfred Grima,Viċi Sindku Carlos Zarb,
Kunsilliera Daryl Connor, Mario Salerno, Alfred Bray, Paul Bugeja, Anthony Delia

Astenzjoni: Kunsillier Graziella Galea u Antionette.Bezzina

## 39.9 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

Is-Sindku qal li tinħass il-ħtieġa ta'xi bdil fir-responsabilitajiet tal-Kunsilliera. Dan qed isir biex kull kunsillier ikollu kariga mill-erbatax l-skeda. Informa, li l-karigi sekondarji baqaw kollha l-istess.

A.G. ES

| Responsabilita | Karigi sena 2020/2021 | Karigi aggornati 2022 |
|---|---|---|
| L-Indafa | Kunsillier Daryl Connor | Kunsillier Chris Vella Petroni |
| L-Ambjent | Kunsillier Mario Salerno | Kunsillier Mario Salerno |
| Zghazagh u Tfal | Vici Sindku Carlos Zarb | Vici Sindku Carlos Zarb |
| Sports u Attivitajiet Fizici | Kunsillier Chris Vella Petroni | Vici Sindku Carlos Zarb |
| L-Innovazzjoni | Vici Sindku Carlos Zarb | Kunsillier Stephen Cremona |
| L-Infrastruttura | Sindku Alfred Grima | Kunsillier Daryl Connor |
| Progetti | Sindku Alfred Grima | Sindku Alfred Grima |
| L-Anzjani | Kunsillier Antoinette Bezzina | Kunsillier Antoinette Bezzina |
| L-Edukazzjoni | Kunsillier Anne Fenech | Kunsillier Paul Bugeja |
| Il-Kultura | Kunsillier Mario Salerno | Kunsillier Alfred Bray |
| Komunita Burmarrad | Kunsillier Graziella Galea | Kunsillier Graziella Galea |
| Il-Qasam Socjali | Kunsillier Anthony Delia | Kunsillier Anthony Delia |
| L-Integrazzjoni Socjali | Kunsillier Anthony Angelo Attard | Kunsillier Anthony Angelo Attard |
| Il-Harsien ta' l-Annimali | Kunsillier Alfred Bray | Kunsillier Anne Fenech |

### 39.10 <u>Ftuħ ta' kontijiet bankarji ġodda</u>

Is-Sindku qal li jiddispjaċih jinnota li l-kunsill ħallas ammont konsiderevoli ta' tariffi tal-banek meta dan seta jiġi evitat billi jinfetħu kontijiet ġodda ma banek oħra lokali li ma jimponux tariffi simili, hekk, kif issuġerixxa diversi drabi hu. Minn stħarriġ li sar tas-suq bankarju nstab li l-Bank APS ma jimponiex tariffi simili.
Il-kunsill approva li jinfetaħ kont bankarju mal-Bank APS.

Il-Kunsillier Anthony Delia telaq mill-laqgħa fis-19.33

### 39.11 <u>Abbozz ta' ftehim ma Green MT</u>

Il-kunsill approva li jintalab parir minghand persuni kompetenti fis-suġġett u l-avukat.

Waqt dan l-item, waqfet il-konnessjoni għall-kunsilliera li kienu qiegħdin jipparteċipaw fil-laqgħa online. Il-konnessjoni reġgħet saret wara ftit minuti wara l-approvazzjoni.

A.G

**39.12 Ikla tal-Milied**
Il-ħaddiema tal-kunsill ipproponew li l-ikla tal-Milied issir il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2021 fil-ghaxija.
Il-kunsill approva nem.com.

**39.13 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar**

Il-kunsillier Graziella Galea infurmat li hemm min qed jistenna biex jiddaħħal fil-laqgħa online.

Il-kunsillier Antony Attard dahal lura 19:37

PA/08421/21 Sit ODZ li jinsab fi Triq il-Pwales, Xemxija.
Il-kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/08421/21 kemm il-darba din tirrispetta l-Policy preżenti tal-pjan lokali ta' l-iżvilupp. kemm-il darba l-Kunsill jirċeviex oġġezzjonijiet terga titla l-applikazzjoni.

PA/08511/21 Sit ODZ li jinsab fi Tal-Qarbuni, Wardija, Il-kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/08511/21 kemm il-darba din tirrispetta l-Policy preżenti tal-pjan lokali ta' l-iżvilupp, kemm-il darba l-Kunsill ma rċeviex oġġezzjonijiet għal din l-applikazzjoni.

**39.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

**39.14.1 Kiri ta' dwal tal-Milied –**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal kiri ta' dwal tal-Milied – Triq San Pawl (parti ta' quddiem il-kunsill) kif ukoll rope lights għal mal-palm fi triq il-Bajja l-parti ta' fuq. Kumpanija waħda uriet interess u tefgħet żewġ offerti bi prezz ta' 900 euro għal 10 motifs – 10 ft width u 1,650 għal 15 motifs fejn l-irħas offerta ġiet magħżula.

**39.14.2 Vacation leave tal-Ħaddiema –**
Il-kunsill approva li minħabba l-esiġenza tax-xogħolijiet isir ħlas ta' 135 siegħa vacation leave tas-Supervisor bil-kumplament ta' 30 siegħat jiġu trasferiti għas-sena 2022, jekk dan hu legali.

**39.14.3 Xogħolijiet ta' natura urġenti –**
Is-Sindku qal, li kaġun tal-maltempata tal-25 ta' Novembru 2021 il-lokalita sofrit diversi ħsarat fosthom dawk strutturali. Fost dawn kien hemm ħsara fi Triq San Martin u Wied Qannotta.
Rigward Triq San Martin parti minn ħajt tat-triq ċeda, fejn Infrastruttura Malta ntervjenit billi għalqet parti mit-triq u ntbagħtu l-periti tagħha. Il-kunsilliera Graziella Galea iddikjarat

A.G. ES

kunflitt ta' interess. Waqgħu ukoll ammont konsiderevoli ta' ħitan u blat fil-Wardija kif ukoll diversi siġar kbar tqaċċtu, fejn il-kunsill ikkordina x-xogħolijiet neċessarji.

Minħabba l-perikolu li tista ċċedi t-triq li saret ftit snin ilu permezz ta' l-iskema Measure 4.3 ġie deċiż, li jintbagħat Perit mill-ufficju DTR li kien risponsabbli mit-tali xogħolijiet. Minħabba l-perikolu, Road Sevices Ltd ġew awtorizzati mill-kunsill li jagħmlu xogħolijiet b'urġenza skond l-istruzzjoni mogħtija mill-perit.
Il-kunsill approva nem.com dawn ix-xogħolijiet u l-ħlassijiet.

**39.14.4 Provision of Service of a Data Protection Officer ( 55/0494/21/OSG ) -1**
Il-kumpanija Boom Consultancy EU kienet l-uniku kumpanija li li uriet interess u tefgħet offerta biex tipprovdi servizz ta' Data Protection Officer għal-prezz ta'3,800 euro.
Il-kunsill approva nem.com.

**39.14.5 Ġnien Millenju – Stiema tal-pond**
L-istiema tal-Pond ġiet circa ta' 27,941 + VAT.

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex ill-kunsill jixtri dak meħtieġ skond lis-stima.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com

**39.14.6 Proġett Green Infrustructure**

Il-kunsillier Graziella Galea iddikjarat li hi membru tal-bord Gal Majjistral.

Il-kunsill approva varjazzjoni circa ta' 6,057 euro li ġejja minn diskrepanza ta' 294 siegħa xogħol fit-22 sit.

**39.14.7 Klejm Mr A.Scerri – 355 euro**

Il-kunsill ġie nfurmat mic-Central Insurance li ma jagħmilx sens finanzjarju għall-kunsill li jinfetaħ klejm ta' 355 euro meta hemm ħlas ta' excess ta'350 euro.

Il-kunsill approva li l-każ jerġa jmur quddiem il-Bord tal-Klejms u jekk l-Bord iħoss li l-ilment huwa ġustifikat jitħallas l-ammont ta' 355 euro immedjatament.
Ġie approvat ukoll li s-somma massima għal inċidenti titla sa 400 euro.

**39.15 <u>Skeda ta' pagamenti – 14/10/2021 – 03/12/2021</u>**

928 – 929 Refunds: Tqajmet il-mistoqsija dwar jekk ssirx spezzjoni mill-kunsill għall-ħsarat li jistaw jiġu kkawżati? Intalbet li ssir verifikazzjoni.

A.G ES

: Il-kunsill ma qabilx li diversi pagamenti jiġu amalgamati ma' xulxin.

986 – 986.43 : Ġie rrimarkat li mhux dejjem tniżżel l-isem tat-triq fejn intużaw it-tabelli eċċ

998 – DTR : Jiġi vverifikat

Kontijiet GO : Groupage għar-rati aħjar u benefiċċji li joffru.

1019.26 : Jiġi vverifikati x'jinkludi dan il-pagament

1029 : Jiġi vverifikat jekk hux ser isir rifużjoni lill-Kunsill tal-pagament

Waqt dan il-ħin, waqfet il-konnessjoni għall-kunsilliera li kienu qiegħdin jipparteċipaw fil-laqgħa online. Il-konnessjoni reġgħet saret wara ftit minuti.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni lis-skeda ta' pagamenti 14/10/2021– 03/12/202. Il-Kunsillier Mario Salerno ssekonda.

Yami Yama : Jiġi vverifikat jekk tħallas xi pagamenti.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni lis-skeda ta' pagamenti 03/12/2021 -14/10/2021. Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda.
Il-Kunsill approva.

**39.16 <u>Aġġornament għall-laqgħa li jmiss</u>**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fid-8.30 pm u aġġornata għal-Hamis 13 ta' Jannar 2022 fil-5.30 pm

Alfred Grima
Sindku

Elke Sghendo
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv